# Rokna Mużikali - It-Teatru Manoel

Kitba: Odette Fsadni ATCL, B.Ed PSD

Waslet sena oħra, sena mimlija xogħol u ħidma mużikali fi ħdan il-każin tagħna ġewwa l-Ħamrun. Din is-sena xtaqt li naqsam magħkom l-storja interessanti fuq it-teatru hekk oriġinali u rikk l-istorja tal-mużika Maltija. Qed nirreferi għat-teatru Manoel. Dan it-teatru insibuh ġewwa l-Belt Kapitali ta' Malta –l-Belt Valletta, eżatt fi triq it-teatru.



It-teatru Manoel jmur lura għas-seklu tmintax, eżattament ġie mibni bejn 1731-1732 mill-Gran Mastru Anton Manoel de Vilhena. L-għan tiegħu kien li jkun teatru publiku.Jekk wieħed iżur dan it-teatru jista jara fid-daħla tat-teatru il-kitba li tgħid 'ad honestam populi oblectationem' li tfisser għal rikreazzjoni onesta tal-poplu. Ix-xogħol ġewwa dan it-teatru tlesti f' madwar 10 xhur u l-ewwel xogħol teatrali kien ġie mtellgħa fl-1732.

Interessanti li l-ewwel atturi kienu l-kavallieri stess u s-sett kien kollu xogħol l-arkitett Francois Mondion. Jean Quintin Hughes jiddesrivi dan l-bini hekk grandjuz bħala l-aqwa u l-eqdem fl-Ewropa. Infatti t-teatru hu magħruf bħala t-tielet l-eqdem teatru ġewwa l-Ewropa u wieħed mit-teatri bikrin fin-Nazzjonijiet Uniti.

Ma nistgħux ngħidu jew nqabblu dan it-teatru ma' binjiet ta' teatri kbar għax dan it-teatru hu pjuottost żgħir. Nsibu li fih sitt mija, tlieta u għoxrin siġġu u għandu forma ovali. Mad-dawra naraw li hemm sulari differenti, magħrufa aħjar bħala gallarijiet, fejn dawn huma indurati bl-aqwa injam u deheb. Mas-saqaf insibu pittura li tagħti d-dehra ta' kopla. Nisgħtu naraw ir-ritratt tal-ġenb.

Il-faċċata ta' dan it-teatru hu l-istess arkitettura li nsibu f'ħafna mill-binjiet ġewwa l-Belt. L-istil sempliċi magħruf bħala l-istil Mannerist. Pero minn ġewwa nsibu l-arkitettura Rococo. Matul is-snin saru diversi restawrazzjonijiet u tibdiel ġewwa dan it-teatru biex dejjem jibqa tajjeb. L-awturi ta' l-istorja tal-belt jsemmi li taħt dan it-teatru insibu żewġ riservi ta' l-ilma li joħolqu ħoss aktar preċiz, tant li n-nies jkunu jistgħu jisimgħu s-surmast jdawwar il-paġna tal-mużika tiegħu. L-ħoss f'teatru bħal dan ikun importanti, u l-muziċisti jagħzlu dan it-teatru propju għal akustika tajba li hu mżejjen dan il-post.

Fl-1798, meta l-Kavallieri telqu minn Malta, u din spiċċat f'idejn l-Franċizi, kienet l-ewwel darba li Malti kien qed jieħu f'idejh it-tmexxija ta' dan it-teatru. Il–persuna kien Niccolo Isouard, li kien kompożitur internazzjonali ukoll.

Matul iż-żminijiet ta' wara dan it-teatru spiċċa f'idejn diversi nies sinjuri kemm Malti u anke barranin. Anke kien ħa l-isem ta' 'teatru rjal'. L-istorja rikka ta' Malta fejn għaddiet minn tħat idejn diversi tmexxijiet, ġagħlet li dan il-bini ukoll jinbidel diversi drabi.

Dan it-teatru ma kienx baqa rinomat ħafna meta beda jsir il-bini l-ġdid tat-teatru rjali, hekk magħruf bħala it-teatru l-imwaqqa. Dan it-teatru hekk kbir bi stil neo-klassiku ħa post it-teatru Manoel. Il-grandjozita u anke l-post fejn kien jinsab, fid-daħla tal-Belt, ma għenet xejn biex it-teatru Manoel jieħu l-ġieħ li kien jistħoqlu. It-teatru Manoel reġa ħa l-ġieħ mistħoqq meta t-teatru rjali kien iġġarraf fil-gwerra u anke bl-aċċident tan-nar. Hawnhekk it-teatru rjali ra it-tmiem tiegħu għax baqa ma nbeniex sal-lum il-ġurnata. Għaldaqstant it-teatru Manoel ingħata aktar interess mill-pubbliku. Fi snin ta bejn 1922 u 1923 dan it-teatru kien il-post prominenti fejn indaqq l-Innu Nazzjonali Ta' Malta. Xogħol tal-poeta Dun Karm Psaila u muzika tal-professur Robert Sammut.



Llum il-ġurnata dan it-teatru jilqa' fih l-aqwa produzzjonijiet kemm bil-Malti u anke xogħol teatrali bl-Ingliż. Ma jonqsux l-opri, xogħolijiet mużikali, ljieli letterarji u l-pantomima tal-Milied, li daħlet fl-kalendarju ta' bosta Maltin. Hija ferm interessanti l-istorja ta' dan it-teatru hekk sabiħ u oriġinali. J'Alla li nibqgħu naraw aktar talent lokali jesebixxi t-talent tiegħu f'dan it-teatru u napprezzaw il-patrimonju Malti, hekk kif jixraqlu.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Ħamruniżi kollha!